MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 1758/1999/1

**Edgar Urpani f'ismu proprio u ghan-nom tad-ditta Firm Jack H. Serra kif debitament awtorizzat**

**vs**

**Continental Meat Co. Ltd**

**Il-Qorti,**

Fl-14 ta' April, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz in esami li bih l-attur fil-kwalitajiet tieghu premessi talab sabiex is-socjeta konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess attur is-somma ta' Lm385.43c oltre l-imghax legali mill-15 ta' Dicembru 1998

skond statement of account anness mal-avviz u mmarkat dokument A in konnessjoni ma' diversi servizzi moghtija mill-attur lis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 2730/1999 u l-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll id-dokument anness mal-istess avviz u markat Dok A a fol 2 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta fol 5 tal-atti u li biha eccepiet bir-rispett:-

Illi in linea preliminari s-socjeta eccipjenti mhijiex il-legittima kontradittrici tal-attur proprio et nomine kif jaf ben tajjeb u kif gie rilevat lilu diversi drabi, u kwindi s-socjeta eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispjjez kontra l-attur nomine.

Illi sussidjarjament u bla pregudizzju, skond kif giet infurmata s-socjeta eccipjenti, parti sostanzjali mill-kont reklamat jirrigwarda hsara f'parti mill-apparat riparat li kien kopert b'garanzija u kwindi l-ispiza tieghu kellha tigi sapportata mill-istess proprio u/jew nomine.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat**

Illi Edgar Urpani, l-attur fil-kwalita' tieghu premessa (a fol 12 et seq ibid) xehed illi l-ordni in kwistjoni "sa fejn naf jien" kienet saret mill-"purchasing manager" tas-socjeta konvenuta. Dwar dan hu sostna li l-aktar li kien involut kien huh Stephen Urpani. Dwar l-ordni din kienet tikkonsisti fi "… spare parts in konnesjoni ma' grills u servicing", liema ordni giet konsenjata fil-fabbrika tas-socjeta konvenuta f'Hal Far. Difatti l-

imsemmi Stephen Urpani xehed (fol 25 et seq ibid) u waqt li rrefera ghad-dokument esebit in atti a fol 2, hu sostna li s-socjeta konvenuta kienet ghamlet l-imsemmija ordni in konnessjoni ma "spare parts" u "servicing" ta' magna, li kienet giet mislufa minn ditta ohra lis-socjeta konvenuta izda kienet twahhlet, b'mod hazin, fil-fabbrika tas-socjeta' konvenuta imsemmija. Peress li s-socjeta attrici kienet l-agent ta' din il-magna, hi giet inkarigata mis-socjeta' konvenuta sabiex jsiru r-riparazjonijiet necessarji u d-dokumenti kollha relattivi kienu gew iffirmati dejjem mis-socjeta konvenuta. Ix-xhud semma' illi, dwar dan l-inkarigu kien tkellem "ma' xi hadd" responsabbli f'din is-socjeta. Inoltre ix-xoghol kollu kien sar fl-imsemmija fabbrika. In kontro esami ix-xhud iddikjara illi s-socjeta konvenuta kienet informatu illi l-magna inkwistjoni "… s-socjeta konvenuta kienet haditha minn socjeta ohra … is-socjeta "Macdonald's Malta Limited" izda hu eskluda, katergorikament, illi din id-ditta tal-ahhar kienet ikkomunikat mal-atturi sabiex tigi riparata l-istess magna.

Dwar dan il-punt, hu wkoll, qal "Nerga' nghid li t-telefonati kienu jigu minghand il-'Continental Meat". Kien hemm ukoll telefonati minghand Macdonalds".

Inoltre hu eskluda illi "… is-socjeta konvenuta kif baghtnilhom il-kontijiet qalulna biex nibghatu l-kontijiet lil MacDonald's" anzi "Is-socjeta' konvenuta kienet dejjem tghidilna li l-kont ser jithallas minnhom stess". Fl-ahhar nett, hu pprometta illi jesebixxi dokumenti, in konnessjoni ma' dan il-kaz "… iffirmati mis-socjeta konvenuta". Difatti dawn id-dokumenti huma esebiti a fol 30 sa fol 42 tal-istess atti.

**Ikkunsidrat**

Illi Ronald Galea (fol 47 et seq ibid) spjega li s-socjeta konvenuta, li taghha hu direttur, kellha kuntratt sabiex tissuplixxi lid-ditta “Macdonald’s” b’certu tip ta’ “burgers” b’certi specifications. Difatti dawn it-tip ta’ “burgers” kellhom jissajru fuq fornijiet specjali. Wiehed minn dawn l-ifran kien ingieb fil-fabbrika tas-socjeta konvenuta minghad is-socjeta “Macdonald’s” u dan “… sabiex isiru t-testijiet fuqu in konnessjoni mal-‘”burgers” prodotti ….” mis-socjeta konvenuta. Bhala stalazzjoni f’diversi okkasjonjiet din kienet saret dejjem mis-socjeta attrici fuq inkarigu ta’ “Macdonald’s” u difatti ma kienx minnu li gie stallat hazin, kif gie allegat. In rigward l-istess forn kien hemm garanzija konvenzjonli mahruga mis-socjeta attrici. Dwar dan il-punt li ghadu kemm issemma x-xhud qal testwlament “… l-garanzija barranija kienet aktarx innominat lil Jack Serra inkonnessjoni mal-garanzija”. Ix-xhud kompla billi sahaq illi kull darba li l-istess forn ingieb lura fil-fabbrika u, dan kien jigi kalibrat mill-gdid mis-socjeta attrici u “Kull darba li gew xi nies minn barra, in rappresentanza ta’ “Macdonald’s” sabiex jaghmlu t-testijiet fuq il-forn, dejjem kien hemm presenti rappresentant ta’ Jack Serra”. Inoltre kull darba li kien hemm hsara, rappresentant tas-socjeta ta’ “Macdonald’s”, certu Borge Anderson, ormai msiefer, kien hu li dejjem “… jiddilja ma’ Jack Serra”. F’nofs l-1997, ix-xhud kien rcieva kont minghand is-socjeta attrici dwar riparazzjonijiet fl-istess forn, u minhabba dak premess, ix-xhud kien informa lis-socjeta attrici li dan il-kont kien intbaghat lis-socjeta konvenuta, bi zball izda jidher li dan kien ghal xejn. Ghalhekk ix-xhud kien tkellem ma’ Borge Anderson, li da parti tieghu kien qallu sabiex “ninjora” l-istess kont. Minhabba li xorta wahda is-socjeta’ konvenuta kompliet tircievi l-istess kont, ix-xhud kien ikkomunika,direttament ma’ Edgar u Stephen Urpani u kien spjegalhom illi l-kont kellu jintbaghat lis-socjeta l-ohra. Dwar dan, pero’, ma kelli ebda risposta definittiva anzi jidher li s-socjeta attrici kompliet tinsisti ghall-hlas. Lil

dan ix-xhud giet murija d-"delivery note" a fol 32 u wara li sostna lis-socjeta "Meat Processing Co Ltd" ma tesistiex, u ikkonferma li fuq dan id-dokument kien hemm il-firma tieghu minhabba dak li specifika fl-istess xhieda.  Dwar l-istess oggett specifikat f'dan id-dokument ix-xhud kien gie informat mit-"technician" tas-socjeta konvenuta u illi kien kopert b'garanzija ta' ghaxar snin u b'hekk "hadd ma kien ser ihallas taghha". Sussegwentement ghamel referenza bi zball ghal "delivery order" ohra a fol 34 ibid.  Din hi indirizzata lis-socjeta konvenuta.  Wara li kkoregа ruhu, hu filfatt, irrefera ghad-"delivery order" a fol 36 ibid.  Din kienet iffirmata mill-"floor manager" tas-socjeta konvenuta, John Zahra, fl-assenza bhal fil-kaz tal-ewwel "delivery order" imsemmija, tat-"technician" tas-socjeta attrici.  L-imsemmi John Zahra gie prodott (fol 54 et seq ibid) li fis-sustanza ikkonferma dak li xehed Ronald Galea.

Illi s-socjeta konvenuta pproduciet lil "general manager tas-socjeta "Carmelo Caruana Distribution Services Limited" involuta fit-tmexxija tas-socjeta "Macdonalds" u forindituri ta' din is-socjeta, Stefan Ballucci (fol 58 et seq ibid). Jigi notat illi dan ix-xhud qal teswalment "Jiena ma naf l-ebda ditta ta' "Jack Serra".  Lanqas ma' naf b'xi hadd konjomu Urpani".

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi kif hawn fuq riportati kemm hu possibli, fil-qasir, jirrisulta illi:-

a) Il-forn in kwistjoni kien jappartjeni lid-ditta "Macdonald's" jew socjeta afiljata ma' din u mhux lis-socjeta konvenuta.
b)  Pero' jirrisulta, ukoll, dwar l-ammont mitlub fl-avviz, illi kull dokument esebit, in atti u li hu relatat mat-talba in esami kien iffirmat minn rappresentant tas-socjeta konvenuta jew inhareg fuq isem l-istess socjeta.  Dan  hu indikattiv, fuq

bazi ta’ probabilta u fil-fehma ta’ din il-Qorti illi s-servizzi in esami kienu gew ordnati mas-socjeta konvenuta u esegwiti fuq inkarigu ta’ din is-socjeta.

c) Ma’ irrisultax, b’mod car, mill-istess provi, illi s-socjeta konvenuta ghamlitha cara lil dik attrici illi l-ordni in esami kienet qed taghmilha f’isem terza persuna.

d) Ma’ ghandux jintesa ukoll illi l-istess ordni giet esegwita fil-fabbrika tas-socjeta konvenuta, fatt illi jsahhah il-konkluzzjoni ta’ din il-Qorti fis-sens illi, filfatt, is-socjeta konvenuta ghandha tkun konsiderata bhala “l-legittimu kontradittur” f’dan il-kaz.

e) Dwar it-tieni eccezzjoni, ma’ gewx prodotti provi sufficjenti sabiex jista’ jigi konklus illi parti sostanzjali tal-kont kien kopert b’xi forma ta’ garanzija konvenzjonali moghtija mis-socjeta attrici favur dik konvenuta.

Illi ghalhekk fid-dawl ta’ dak premess l-eccezzjonijiet in esami ghandhom jigu michuda waqt li tigi akkolta t-talba attrici.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lill-attur fil-kwalitajiet tieghu premessi, is-somma ta’ Lm385.43 ossija €897.81 bl-imghax legali mill-15 ta’ Dicembru 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-mandat ta’ sekwestru numru 2730/1999.”

Is-socjeta` konvenuta appellat minn din is-sentenza bl-aggravju uniku illi l-ewwel Qorti ma interpretatx sewwa l-fatti u dan wassalha ghall-konkluzjoni errata in mertu ghall-eccezzjoni minnha sollevata illi hi ma kienetx il-legittimu kontradittrici;

Fil-qosor is-sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta li fuqhom jirpoza l-aggravju taghha huma dawn:-

(1) Il-magna li fuqha sar is-*servicing* mill-attur kienet proprjeta` assoluta tas-socjeta` MacDonald's u kienet din biss li setghet tawtorizza r-riparazzjonijiet li saru;

(2) Ma gie prodott ebda dokument li juri li kienet hi li ppjazzat l-ordni jew assumiet ir-responsabilita` ghall-hlas pretiz;

(3) Id-"*delivery notes*" esebiti ma kienux kollha ffirmati minn rapprezentanti taghha;

(4) L-attur ma ssodisfax l-oneru tal-provi gravanti fuqu;

Huwa pacifiku mill-provi processwali illi l-attur *proprio et nomine* ssuplixxa *spares* ghall-forn u ghamel ukoll *servicing* fuqu, kif hekk ahjar dettaljat fil-fatturi esebiti a fol. 31, 33, 35, 37 sa 42 tal-process. Huwa wkoll pacifiku illi dan il-forn kien lokalizzat fil-fabbrika tas-socjeta` konvenuta. Dak li huwa kkontrastat fil-verita jirrigwarda l-punt dwar min ghamel l-ordni ghal dawk l-i*spares* u xoghol ezegwit;

Koncizament, Stephen Urpani (fol. 25) jghid li l-prestazzjoni mid-ditta attrici giet kommissjonata minn xi hadd responsabbli ghas-socjeta` konvenuta, ghalkemm ma kienx jiftakar bi precizazzjoni min kien. Huwa jikkonferma li t-telefonati kienu jigu mill-fabbrika fejn kien sitwat il-forn, anke jekk ma eskludiex li rceva sejhiet ukoll minghand MacDonalds. Jiddikjara ukoll illi r-rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta ffirmaw id-dokumenti relattivi u dawn l-istess rapprezentanti kienu jghidulu li l-hlas relattiv kien ser isir minnha. Minn naha tas-socjeta` konvenuta Ronald Galea (fol. 47) u John Zahra (fol. 54) jirrikonoxxu li ffirmaw xi *delivery orders* (fol. 32 u fol. 36) pero` dan ghamluh ghaliex ma kienx prezenti fil-mument tal-konsenja t-*technician* ta' l-attur. Jinghad minn Zahra wkoll illi hu gieli informa lill-attur li s-socjeta`

konvenuta ma kellhiex x’taqsam mal-forn ghax dan kien proprjeta` ta’ MacDonalds. Il-kumpalment tal-fatti sostanzjali huma sew imtennija fis-sentenza appellata u mhux il-kaz li din il-Qorti toghod terga’ tirriproducihom;

Dan premess, huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-ligi, il-kostituzzjoni in gudizzju ta’ parti mharrka tinzel minn qaghda ta’ rapport guridiku precedenti, sija kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuz jew akwiljan. Ara Artikolu 959 Kodici Civili. Dan necessarjament ifisser illi l-azjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma’ l-oggett jew it-titolu tal-kawza. Fil-konkret, kif anke rilevat mill-Qorti ta’ l-Appell kolleggjali fid-decizjoni in re: “**Frankie Refalo *nomine* -vs- Jason Azzopardi *et***”, 5 ta’ Ottubru, 2001, biex il-Qorti tistabilixxi jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra “kellha bilfors tivverifika *prima facie*, jekk il-persuna citata fil-gudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti”;

L-ewwel Qorti stabbilit motivi, gustifikati hafna fil-fehma ta’ din il-Qorti, li permezz taghhom issintetizzat l-argomenti taghha, essenzjalment ta’ fatt, li fuqhom imbaghad iffondat id-decizjoni taghha. Proprju l-parti decizorja tas-sentenza ssib sussisdju mill-konsiderandi objettivi illi l-forn *de quo* kien sitwat fil-fabbrika tas-socjeta` konvenuta u li kienu r-rapprezentanti ta’ din li ffirmaw id-dokumenti ta’ konsenja, anke jekk apparentement mhux ukoll dik a fol. 34 fl-ammont ta’ Lm5.44. Induttivament, ukoll, ma setax kien il-boghod mill-*forma mentis* ta’ l-ewwel Qorti, il-fatt illi, skond kif iddikjarat mix-xhud Stephen Urpani, is-socjeta` konvenuta kienet tweghdu permezz tar-rapprezentanti taghha illi l-hlas kien ser isir minnha. Huma dawn l-elementi ta’ fatt konsiderati fil-kumpless tal-provi illi fuqhom l-ewwel Qorti bbazat il-konvinciment taghha;

Konvinciment dan, li fl-assjem tal-provi, hu wiehed legittimu u li jissodisfa l-kwezit drabi ohra mfisser mill-

Qrati u, cjoe, li "f'negozju semplici ta' kompravendita, il-Qorti kellha biss tistabilixxi min biegh u min xtara, jekk il-merkanzija gietx konsenjata u gietx accettata, minn min u lil min, u jekk il-prezz taghha kienx gie mhallas kollu, u jekk le, ghaliex" ("**Anthony Caruana *et* -vs- John Magro *et***", Appell, 6 ta' Ottubru, 1999);

Bhall-ewwel Qorti qabilha din il-Qorti temmen illi, kuntrarjament ghal dak dedott fl-appell, l-ordni ghall-fornitura ta' l-i*spares* u tas-*servicing* saret f'dan il-kaz mis-socjeta` konvenuta. Jekk, imbaghad, kif sottomess, u accettat, dawn l-istess *spares* u *servicing* kienu konnessi ma' oggett, proprjeta` ta' terzi, irid jinghad, b'abbracc ta' gurisprudenza konkordi, illi kien jinkombi fuq is-socjeta` konvenuta li, fil-mument opportun, tinforma lill-prestatur tas-serivzz u fornitur tal-*parts* illi l-ezekuzzjoni mitluba minnu kienet ghall-interessi ta' kumpanija terza u mhux taghha. Ara f'dan is-sens fost bosta ohrajn is-sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet "**Philip Galea Souchet -vs- Michael Falla**", 4 ta' Mejju, 1973; "**Joseph Chetcuti *nomine* -vs- Peter Paul Camilleri**", 4 ta' Dicembru, 1988; "**Joseph Grech -vs- Domenico Savio Spiteri**", 25 ta' Mejju, 2001. Bi twegiba mbaghad ghal certa osservazzjoni sottomessa mis-socjeta` appellanti tajjeb li jitfakkar illi anke kieku ghall-grazzja ta' l-argoment kien jezisti dubbju fl-interpretazzjoni u l-analisi apprezzativa tal-fatti, l-istess kien igib f'kaz bhal dan illi "wiehed kellu jipprezumi illi l-persuna li kienet qed tikkuntratta kienet hekk qed taghmel f'isimha proprju" ("**Lawrence Formosa *et nomine* -vs- Silvio Felice**", Appell, 6 ta' Ottubru, 1999).

Ghal motivi kollha suesposti din il-Qorti qed tichad l-appell, u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------